VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,305, 4 ta' Settembru, 2014
Taqsima B

A.L. 315 tal-2014

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2014 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2014 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master in Translation and Terminology Studies jew għall-Grad ta' Master in Interpreting Studies taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Arti

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Arti bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2014 biex jemendew l-Ordinamenti tal-2014 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master in Translation and Terminology Studies jew għall-grad ta' Master in Interpreting Studies, u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2014 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master in Translation and Terminology Studies jew għall-grad ta' Master in Interpreting Studies, taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Arti, ippubblikati bħala Avviż Legali 67 tal-2009, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2014 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

3. Il-paragrafi (3) sa (5) li ġejjin għandhom jidħlu wara l-paragrafu (2) tal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali:

"(3) Il-Bord għandu jirrakkomanda lis-Senat in-numru tal-applikanti li jistgħu jitħallew jirreġistraw għall-Kors, skont ir-riżorsi disponibbli. In-numru ta' postijiet disponibbli jiġi mħabbar fiż-żmien tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(4) Jekk in-numru tal-applikanti eliġibbli jaqbeż in-numru ta' postijiet disponibbli, l-applikanti jiġu magħżula skont il-kriterji li ġejjin, imwieżna kif ġej:

(a) it-test fil-ħiliet tal-lingwa, tat-traduzzjoni u tal-aspetti tematiċi – 70%;
(b) il-livell milħuq waqt l-intervista – 30%.

(5) Il-bord tal-intervisti maħtur mill-Bord għandu jkun magħmul għall-anqas minn tliet membri."

4. Il-paragrafu (3) tal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jiġi nnumerat mill-ġdid bħala l-paragrafu (6).